# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 23**

**Citaz. Nru. 1076/98GV**

Doc. 238-02

**ORME Laboratory Supplies Limited**

**Vs**

**Joseph Vella kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala uniku proprjetarju u in rapprezentanza tad-ditta LEVO Laboratory Services u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 1999 giet kjamata in kawza Angela Sabrina Vella**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici timporta u tiddistribwixxi prodotti ta' kimika u strumenti u apparat li jintuzaw fil-laboratorji;

Premess illi s-socjeta' attrici hija wkoll distributur uniku f'Malta tas-socjetajiet esteri *New Arnold* u *Fisher Scientific*, kif ukoll ta' socjetajiet esteri ohra hekk kif jidher mill-ittri hawn annessa u mmarkata Dokumenti 'A';

Premess illi l-konvenut ukoll jinnegozja f'affarijiet ta' kimika u oggetti ohra li jintuzaw f'laboratorji;

Premess illi l-konvenut qieghed ixerred xnieghat foloz u notizji malizzjuzi bil-ghan li jaghmlu hsara u jiddaneggjaw ir-reputazzjoni tajba li tgawdi s-socjeta' attrici kemm f'Malta kif ukoll ma' socjetajiet esteri bhad Dokumenti 'B' hawn annessi, kif ukoll permezz ta' agir iehor hekk kif jigi pruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi s-socjeta' attrici qeghdha ssofri danni konsegwenza tax-xnieghat foloz u malizzjuzi li qieghed ixerred il-konvenut u permezz ta' agir zleali;

Premess li tali agir jammonta ghall-konkorrenza zleali mad-ditta attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-konvenut hati ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan in vista tat-tixrid foloz u notizji malizzjuzi bil-ghan li jaghmlu hsara u jikkagunaw danni lis-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-konvenuti jwaqqfu dan l-agir taghhom b'effet immedjat;

3. Tillikwida l-penali fl-ammont li tiddeciedi din l-Qorti;

4. Tordna lill-konvenut ihallas l-ammont likwidat bhala penali;

5. Taghti kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 21 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi mart il-konvenut mhux parti fil-kawza.

2. Minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-premess, illi ghar-rigward l-ewwel talba, kemm il-darba din hija bbazata fuq id-dokument ezibit bhala Dok B2, it-talba tal-attrici hija preskritta a tenur tal-artiklu 2156 tal-Kodici Civili.

3. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess ghar-rigward tat-talbiet in kwantu bbazati fuq id-dokument ezibit bhala Dok B1, il-konvenut ma kkommetta ebda agir li jikkostitwixxi konkorrenza zlejali fil-konfront tas-socjeta' attrici.

4. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici ma sofriet ebda danni bhala konsegwenza tal-agir tal-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 22;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-atturi;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara lill konvenuti hatja ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan in vista tat-tixried foloz u notizji malizzjuzi bil-ghan li jaghmlu hsara u jikkagunaw danni lis-socjeta' attrici; tordna lill-konvenuti jwaqqfu dan l-agir taghhom b'effett immedjat; tillikwida l-penali fl-ammont li tiddeciedi dina l-Qorti; tordna lill konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat bhala penali; taghti kull provvediment iehor li dina l-Qorti jidhrilha xieraq.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante li mart il-konvenut mhiex parti fil-kawza. (Dina l-eccezzjoni giet sorvolata b'digriet a fol. 22). Ghar- rigward ta' l-ewwel talba, kemm il-darba dina hija bazata fuq id-dokument ezibit bhala Dok B2, it-talba tal-attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16; Kwantu ghar-rigward tat-talbiet attrici nkwantu bbazati fuq id-dokument ezibit bhala Dok B1 il-konvenut ma kkommetta ebda agir li jikkostitwixxi konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta attrici; Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attrici ma sofriet ebda danni bhala konsegwenza tal-agir ta' l-eccipjenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jaghmlu t-talbiet taghhom a bazi ta' l-artikolu 34(1) tal-Kap 13 li jipprjobixxi kummercjant milli, ghal skop ta' konkorrenza, jxerred

notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra.

Joseph Borg xehed u esebixxa korrispondenza li l-konvenut kien baghat lil ditti esteri intiza biex jehodlu agenziji li kien jirrapprezenta hawn Malta u b'hekk ghamillu hsara fin-negozju tieghu. Hu specifika li l-konvenut Joseph Vella kien ghamel zmien jahdem mieghu bhala konsulent u ghalhekk kien jaf l-ismijiet tad-ditti taghhom li kienu jinnegozjaw maghhom.

L-attur semma l-kaz ta' Fisher Scientific Ltd u l-ittra li l-konvenut kien baghat Dok B1 a fol. 15 fejn qalilhom li l-atturi kienu qed jiddistribwixxu prodotti ta' B.D.H. in kompetizzjoni maghhom meta fil-fatt l-atturi kien ilhom aktar minn 20 sena jirrapprezentaw lill B.D.H. bhala agenti esklussivi u lill Nes Arnold ghal aktar minn 25 sena. Il-konvenut ma setghax ma kienx jaf b'dawn il-fatti la hu kien jahdem ma' l-atturi kien jaf li dina ma kienitx xi haga li grat biss recentement kif indikat fl-ittra msemmija.

L-attur ipprezenta ukoll ittra Dok B2 a fol. 16 mibghuta mill-konvenut lill Bibby Sterlin Ltd fejn hu rrappurtahom li kienu qeghdin jimmarketjaw ditta ohra tal-*plastic ware* li m'hiex Bibby Sterlin, meta fil-fatt huma dan setghu jaghmluh billi kienu agenti ta' Bibby Sterling ghal *glass ware* biss u mhux *plastic* ukoll.

Dwar Rhone Dragnastics Technologies Ltd, l-attur esebixxa ittra Dok A5 a fol. 13 fejn jirrizulta li l-konvenut kien kiteb biex jaghtuh prezzijiet meta kien jaf li l-atturi kien ilhom zmien jirrapprezentawhom.

**Eccezzjonijiet**

Kwantu ghall eccezzjoni tal-konvenut li ghar-rigward ta’ l-ewwel talba, kemm il-darba dina hija bazata fuq id-dokument ezibit bhala Dok B2, it-talba tal-attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2156 tal-Kap 16, il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma semmiex ghall liema sub artikolu hu qed jirreferi. Imma anke kieku jirrizulta li t-talba ta’ l-atturi m’hiex bazata fuq ittra wahda tal-konvenut imma fuq diversi ittri u *system of conduct* li baqghet sejra anke fil-mori tal-kawza. L-attur ghamel riferenza ghal ittra li l-konvenut kiteb lill Merck, li huma l-agenti taghha f’Malta, biex jimporta kimika Malta. Ghalhekk l-azzjoni attrici m’hiex preskritta.

Il-konvenut eccepixxa wkoll li kwantu ghar-rigward tat-talbiet attrici nkwantu bbazati fuq id-dokument ezibit bhala Dok B1 il-konvenut ma kkommetta ebda agir li jikkostitwixxi konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta’ attrici. Hu qed isostni li minhabba n-negozju tieghu hu spiss jipprova sorsi godda minn fejn ikun jista’ jixtri biex jaghti servizz u prezzijiet ahjar lill-kljenti. Izda l-attur irnexxilu jipprova li s-sorsi li kien qed jipprova jixtri minghandhom il-konvenut huma l-istess principali ta’ l-atturi li l-konvenut kien jaf li huma rapprezentati Malta mill-atturi.

Illi mill-provi prodotti mill-atturi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li huma rnexxilhom jippruvaw li l-konvenut kien qed jikkuntattja direttament lill principali ta’ l-atturi biex jehdilhom l-agenzja u jikkawzalhom danni. Dan kien suq specjalizzat u l-konvenut ma setghax ma kienx jaf minn kienu l-agenti u minn kienu l-principali.

Fl-ahharnett il-konvenut eccepixxa li fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ attrici ma sofriet ebda danni bhala konsegwenza tal-agir tieghu. Illi kif gie deciz fil-kawza X vs Y deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-16/10/1978 GS skond l-artikolu 34 (1) hemm konkorrenza zleali fil-kaz ta’ tixrid ta’ notizzji li jistghu jaghmlu hsara, u mhux necessarju li dawn in-notizzji attwalment ikunu kkawzaw danni.

Illi l-atturi qed jitolbu l-penali a tenur ta' l-artikolu 37 tal-Kap 13 li dina ghandha tkun skond ma jkun il-kobor tal-fatt, iz-zmien li dam sejjer, il *mala fide* tal-kontravventur u c-cirkostanzi partikolari l-ohra kollha tal-kaz.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu jhallas lill atturi s-somma ta' Lm300.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u

1. Tiddikjara lill konvenuti hatja ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan in vista tat-tixried foloz u notizzji malizzjuzi bil-ghan li jaghmlu hsara u jikkagunaw danni lis-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-konvenuti jwaqqfu dan l-agir taghhom b'effett immedjat;

3. Tillikwida l-penali fl-ammont ta' Lm300;

4. Tordna lill konvenuti jhallsu l-ammont hekk likwidat bhala penali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**